MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 33/2008

**The Catering Centre Company Limited (C-9806)**

**Vs**

**Timothy Cuthbert (37710A)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef disa' mija u tlieta u hamsin Euro u erbgha u erbghin centezmu (Euro4,953.44 ekwivalenti ghal Lm2,126.51) dovuti mill-konvenut lir-rikorrenti bhala bilanc mill-prezz ta' *catering equipment* mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut fuq ordni tal-konvenut stess, liema ammont jirrizulta minn *statement* datat 16 ta' Jannar, 2008 u ezebit bhala Dok CC1. Il-konvenut offra pagament permezz ta' cekk tal-Bank HSBC Numru 45 illi pero' ma giex onorat u gie ritornat mill-Bank bl-indikazzjoni"refer to drawer" (Dok CC2).

L-intimat naqas li jhallas il-bilanc mitlub minkejja li gie interpellat diversi drabi.

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji relattivi ghal dit-talba, inkluzi l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat mal-avviz, kif ukoll bl-imghaxijiet legali bl-oghla rati ai termini tal-kap 113 tal-Ligjiet ta' Malta ikkalkulati mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-suibzzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors, a fol 2 u 3 tal-atti u markat CCI u CC2.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-3 ta' Dicembru 2008 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €4953.44 ekwivalenti ghal Lm2,126.51 bl-imghaxijiet legali "a scaletta' kalkolati mid-data ta' kull fattura kif murija fuq id-dokument a fol 2 tal-atti u markata CC1 sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju presentat fil-5 ta' Frar 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------